Ġunju 2010—Nru. 365

# it-Triq

ma' KRISTU l-ferħ possibbli

www.it-triq.org



# Bizzilla

# Bizzilla
## (Ħsieb fuq il-qoxra ta' barra)



Karmena kienet tassew ferħana għax fl-aħħar lestiet bizzilla tassew kbira u sabiħa. Kellha tassew biex tiftaħar u tkun kburija.

Dak il-lejl stess però, inħasdet għax dehrilha li semgħet xi ħsejjes ġejjin mill-kaxxa ta' l-injam, fejn kienet refgħet iċ-ċumbini. Qamet mis-sodda, u iva, f'din l-imbierka kaxxa sabet li kien hemm ġlieda kbira! Kienet għaddejja tilwima bejn iċ-ċumbini: min minnhom kien ħadem l-iżjed biex saret il-bizzilla!

Semgħet leħen igħid: "Jien ċumbina aqwa minnek!"
Hawn Karmena intervjeniet. Ħarġet iċ-ċumbini kollha mill-kaxxa, poġġiethom ħdejn xulxin u ppruvat tfehemhom li l-bizzilla kienet frott ix-xogħol tagħhom flimkien. Ilkoll kienu taw sehem indaqs biex tlesta x-xogħol.

Nistaqsu: Forsi kultant mhux aħna wkoll inġibu ruħna bħaċ-ċumbini. Naħsbu li aħna l-aqwa, li tagħna l-aħjar.U ngħiru għall-oħrajn jekk narawhom aħjar jew aqwa minna. Attenti ħej, għax l-għira minn dejjem kienet pjaga fis-soċjetà. Minħabba fiha l-bniedem igħix dejjem inkwetat u mdejjaq għax iħossu nferjuri minn sħabu. Iħares biss lejn dak li jidher. Fir-rejaltà kulħadd għandu l-problemi u l-inkwiet tiegħu. Għalhekk l-ispirtu nisrani ħaseb għal dan, u jgħallimna: 'nibku ma' min jibki, u nifirħu ma' min jifraħ.'

Ejjew inkunu iżjed maturi miċ-ċumbini ta' Karmena u minflok noqogħdu niftaħru jew ngħiru, nirsistu biex inwarrbu d-differenzi ta' bejnietna, ħalli nkunu nistgħu nifirħu u nfaħħru 'l Alla għall-ġid li sawwab fuqna lkoll.

F'egħluq is-'Sena tas-Saċerdoti', nixtiequ niddedikaw din il-ħarġa ta' Ġunju 2010 lil saċerdot ħabib kbir tagħna li ġentilment offra l-ispejjeż kollha li saru dan ix-xahar. Waqt li nirringrazzjawh tas-sapport kontinwu tiegħu, inwegħduh it-talb tagħna. Grazzi. Id-Direzzjoni

it-Triq ma' KRISTU l-ferħ possibbli

**fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-Ħaddiema**

**Nru. 365**
**Ġunju 2010**

# Il-brimba

Ħbieb,

Irridu nammettu li s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni huwa sagrament li m'għadux jiġi ffrekwentat. U aktar minn hekk, meta nqerru, ħafna drabi l-qrar tagħna qed ikun qrar tal-konvenjenza ... inqerru għax għandna tieġ, jew funeral ... jew għax se nkun parrinu/a.

Ħaġ'oħra. Ħafna drabi jiġri wkoll li meta nqerru, inqerru l-istess dnubiet. Huwa veru li xorta waħda jinħafrulna dnubietna, anki meta dawn ikunu l-istess dnubiet, imma dan ifisser ukoll li mhux qed issir il-konverżjoni tal-qalb! Għax biex issir il-konverżjoni tal-qalb, wieħed mhux sempliċiment jistqarr dnubietu, jinħafrulu, u jerġa' għalli kien. Wieħed irid jgħarbel sewwa r-raġuni għala qed jidneb b'dak il-mod, irid jasal biex iqaċċat l-għerq tad-dnub ... forsi l-għira, il-mibgħeda, il-vizzjijiet ...

Il-Malti jgħid: 'Biex teqred il-għanqbuta, jeħtieġ toqtol il-brimba.' Ma nkunux superfiċjali; irridu nieħdu l-pass kruċjali ... irridu niddeċiedu li ninbidlu bis-serjetà, inqaċċtu l-għerq tad-dnub, il-brimba li qed terġa' tifrex l-għanqbut li jħammeġ lil ruħna. Jeħtieġ li nissaffew tassew ... dak li jfisser: ninżgħu l-bniedem il-qadim u nilbsu l-bniedem il-ġdid.

Nagħmlu kuraġġ. Inmiddu riġlejna u nagħmlu l-pass deċiżiv għal konverżjoni sħiħa.

# I've learned that ...

no matter what happens, how bad it seems today,
life does go on, and it will be better tomorrow.

I've learned that, regardless of your relationship
with your parents,
you'll miss them when they're gone from your life.

I've learned that, if you pursue happiness, it will elude you.
But, if you focus on your family, your friends, your work,
the needs of others, and doing the very best you can,
happiness will find you .

I've learned that, whenever I decide something
with an open heart, I usually make the right decision.

I've learned that, even when I have pains,
I don't have to be one.

I've learned that, every day, you should reach out
and touch someone. People love that human touch --
holding hands, a warm hug, or just a friendly pat
on the back.

I've learned that ... I still have a lot to learn.

# Kif beda
# Jum il-Missier?



*'Jum il-Missier' kellu l-bidu tiegħu f'parroċċa żgħira fl-Amerika. Kien bidu kwiet.*

Fil-fatt kien 'Jum l-Omm' tas-sena 1909 meta, waqt quddiesa tal-Ħadd, il-Kappillan tal-parroċċa ta' Spokane, f'Washington, għamel diskors ta' l-okkażjoni verament sabiħ. Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm tfajla żagħżugħa jisimha Sonora Smart Dodd, li kienet tilfet lil ommha meta kienet għadha żgħira ħafna.

Missierha Henry, kien rabbiha b'dedikazzjoni kbira u kellu jagħmel sagrifiċċji kbar biex seta' jtellagħha bi prinċipji nsara sodi. Sonora xtaqet turi l-apprezzament tagħha lejn dak kollu li missierha għamel magħha, u minn dik il-prietka fuq l-omm, ma waqfitx taħseb x'tista' tagħmel biex tferrħu u turieh kemm kien speċjali għaliha.

Biex tkun tista' taqta' xewqitha, it-tfajla avviċinat lill-Kappillan biex turih x'kellha f'moħħha ... li jibda jsir ukoll 'Jum il-Missier'. Il-Kappillan qabel ferm ma' din l-ideja, u ta l-appoġġ sħiħ tiegħu. Dlonk bdew ifasslu u jaħsbu meta hu l-aħjar żmien li jiċċelebraw dan il-jum. Billi missier Sonora kellu l-'birthday' f'Ġunju, hi kienet ta' l-ideja li l-ġurnata għandha tkun appuntu f'dan ix-xahar.

Waslet il-ġurnata ta' l-ewwel 'Jum il-Missier'. Dan seħħ fid-19 ta' Ġunju 1910 – eżatt 100 sena ilu. Missier Sonora, Henry, ried itir bil-ferħ għal dan il-ħsieb nobbli ta' bintu.

Tant intogħġbot l-ideja li mill-ewwel kien hemm postijiet oħra li ssieħbu f'din l-inizjattiva. Fl-1924, ittieħdet id-deċiżjoni li fl-Amerika kollha, fit-tielet Ħadd ta' Ġunju, jkun iċċelebrat Jum il-Missier.



# *Kuraġġ, agħti d-demm!*

Ix-Xhieda ta' Jehova jargumentaw li l-Bibbja, il-Kelma t'Alla, ma tippermettix it-transfużjoni tad-demm, anki jekk b'dan il-mod tkun tista' tiġi salvata l-ħajja. Huma jibbażaw it-teorija tagħhom fuq dak li hemm miktub fid-Dewteronomju Kp 12 vers 23 "Imma int għandek iżżomm sħiħ li ma tikolx id-demm, għax id-demm hu l-ħajja, ma ghandekx tiekol il-ħajja flimkien mal-laħam".

Ta' min igħid li dan il-preċett għal-Lhud jirreferi għad-demm ta' l-annimali. Barra minn hekk, id-demm mhux meqjus bħala ikel. Għalhekk il-membri ta' din is-setta huma żbaljati meta jqisu t-trasfużjoni bħala ikel u mhux manteniment.

Fil-kamp tal-mediċina, l-għoti tad-demm hu meqjus ugwali għal trapjant, u trapjant mhux meqjus illeċitu mix-Xhieda tal-Jehova.

Għalina l-Insara għandna ideja differenti għal kollox minn dik ta' din is-setta. L-għoti tad-demm aħna nqisuh bħala att erojku. Min jagħti d-demm għandu jitqies bħala bniedem ġeneruż li joffri parti minnu stess biex igħix ħaddieħor. Żgur li l-Missier Etern, li Hu l-istess ħajja, ibierek lil dan l-att nobbli, għax b'dan il-ġest id-donaturi jkunu qegħdin isostnu ħlejqa li hi xbieha tal-Missier Etern.

Min ikun jeħtieġ id-demm, iqis lid-donatur, bħala benefattur/a personali li wettaq miegħu jew magħha att qaddis biex hu jibqa' jgħix b'saħħtu. Min jingħata d-demm għandu jrodd ħajr 'l Alla li fid-dinja hawn nies li huma tant ġenerużi li lesti joffru parti minnhom biex igħix ħaddieħor.

Dawk il-ġenerużi li min qalbhom jagħtu d-demm iħossu esperjenza kbira ta' ferħ b'dan l-att ta' imħabba. Trid tkun tajt id-demm biex tifhem u tapprezza l-ferħ li jħoss id-donatur. Inħeġġu lil dawk li regolarment jagħtu d-demm biex ikomplu, waqt li ninkorraġġixxu lil dawk li jistgħu jagħtu d-demm imma għadhom qatt ma marru, sabiex jagħmlu kuraġġ u jmorru jagħtu d-demm.

Il-Jum Dinji ta' l-Għoti tad-Demm qed jitfakkar kull sena fl-14 ta' Ġunju.



# L-Ewkaristija:

## *Il-Ħobż Ħaj li niżel mis-Sema*

Il-ħajja tagħna f'din id-dinja hi taqbida kontinwa kontra l-għedewwa tagħna li huma wisq aktar qawwija minna. Hekk igħidilna San Pawl: "Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-xitan. Għax il-ġlieda tagħna hi kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet u kontra l-prinċpijiet ta' din id-dinja tad-dlamijiet (Efes. 6, 12).

Fl-Ewkaristja Mqaddsa, Ġesù ħallielna arma l-aktar qawwija, biex biha nrażżnu l-ġibdiet diżordinati tagħna, u noħorġu rebbieħa fuq il-ħażen tad-dinja u fuq is-setgħa ta' l-infern. Mill-Ewkaristija, l-ewlenin insara ħadu l-qawwa biex, kontra kull kurrent, jimxu wara Kristu u bla biża jagħtu xhieda għalih quddiem kulħadd (Atti 2, 42). Il-martri ta' kull żmien, kisbu l-qawwa erojka mill-Ewkaristija u waslu biex affrontaw il-mewt.

Ġesù qal lil dawk il-Lhud li talbu xi sinjal biex jemmnu fih: "...Jien hu l-ħobż tal-ħajja. Missierijietkom kielu l-manna fid-deżert, u mietu; Jien hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż igħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja (Gw. 6.51). Il-Mulej Ġesù kien qiegħed jirreferi għall-Ewkaristija, il-ħobż li huwa ħejjielna biex ikollna l-ħajja u s-saħħa spiritwali meħtieġa biex inkunu kapaċi nissieltu kontra l-ħażen.

### Talba

*Mulej, agħmel li l-Ewkaristija tkun għalina l-mezz ewlieni li bih nirbħu d-dgħufija tagħna, niskansaw il-perikli tad-dinja, nitqabdu t-taqbida spiritwali, u f'għaqda miegħek, noħorġu rebbiħin. Ammen.*

# ***APPOĠĠ LIS-SAĊERDOT***



Kull bidu għandu t-tmiem! U hekk ser jiġri dan ix-xahar meta fid-19 ta' Ġunju tintemm is-"Sena tas-Saċerdoti".

Meta nħarsu lura nifirħu bl-attività kollha li saret biex is-saċerdoti jkomplu jitqaddsu quddiem il-Mulej, u biex aħna napprezzaw aktar il-ħidma siewja li jwettqu fostna dawn ir-Rgħajja Spiritwali.

Iva, jridu jkunu huma li jwasslu l-poplu nisrani aktar qrib t'Alla. Huwa fatt magħruf li kull fejn saret persekuzzjoni kontra l-Knisja, l-ewwel vittmi dejjem kienu s-saċerdoti, għax il-mexxejja ta' dawn il-persekuzzjonijiet għarfu li 'midrub ir-Ragħaj, in-nagħaġ jixterdu'. U aħna nemmnu li biex nersqu lejn Alla tagħna, irridu l-għajnuna u l-gwida sinċiera tas-Saċerdoti.

Issa mela, li qegħdin fl-aħħar tas-'Sena tas-Saċerdoti', ħa nħarsu 'l quddiem biex insaħħu l-appoġġ tagħna lejn dawn il-Ministri tal-Mulej. Inkomplu nitolbu lil San Ġwann Marija Vianney, il-patrun tas-Saċerdoti, biex dawn ħutna fis-Saċerdozju, jkomplu jikbru fl-intimità ma' Alla, u hekk ikunu jistgħu jmexxuna fit-triq li twassalna għand il-Mulej.

Ċertament li s-sagramenti kollha li waqqaf Ġesù Kristu huma mportanti u bżonnjużi , imma s-sagrament ta' l-Ordni Sagri huwa li jgħaqqad kollox! Min jista' jamministra l-magħmudija, il-qrar, l-ewkaristija, iż-żwieġ, il-ġriżma tal-morda …jekk mhux il-maħbub SAĊERDOT!

---

Love is strengthened by working through conflicts together.

---

To get out of a difficulty, one usually must go through it.

# Alligator

Some years ago, on a hot summer day in South Florida , a little boy decided to go for a swim in the old swimming hole behind his house. In a hurry to dive into the cool water, he ran out from the back door, leaving behind shoes, socks, and shirt as he went. He flew into the water, not realizing that, as he swam towards the middle of the lake, an alligator was swimming towards the shore.

His father, working in the yard, saw the two as they got closer and closer together. In utter fear, he ran toward the water, yelling to his son as loudly as he could.

Hearing his voice, the little boy became alarmed and made a U-turn to swim to his father. It was too late. Just as he reached his father, the alligator reached him.

From the dock, the father grabbed his little boy by the arms just as the alligator snatched his legs. That began an incredible tug-of-war between the two. The alligator was much stronger than the father, but the father was much too passionate to let go.

A farmer happened to drive by, heard his screams, raced from his truck, took aim and shot the alligator.

Remarkably, after weeks and weeks in hospital, the little boy survived. His legs were extremely scarred by the vicious attack of the animal. And on his arms were deep scratches where his father's fingernails dug into his flesh in his effort to hang on to the son he loved.

The newspaper reporter who interviewed the boy after the trauma, asked if he would show him his scars. The boy lifted his pant legs. And then, with obvious pride, he said to the reporter, "But look at my arms. I have great scars on my arms, too. I have them because my Dad wouldn't let go."

***You and I can identify with that little boy. We have scars, too. No, not from an alligator, but the scars of a painful past. Some of those scars are unsightly and have caused us deep regret. But, some wounds, my friend, are because God has refused to let go. In the midst of your struggle, He's been there holding on to you ...***

# Nesa f'hiex kien jinsab

Leġġenda Afrikana tirrakkonta li darba l-Ħajja ħadet sura ta' bniedem, u marret tiltaqa' ma' xi nies fid-dinja.

Iltaqgħet ma' raġel għama u l-Ħajja qaltlu: 'Jien nista' nagħtik id-dawl, imma nibża' li jgħaddi ż-żmien u tinsa f'hiex kont tinsab.' L-għama sostna li qatt ma kien se jasal biex jagħmel hekk, sa anki wasal biex ħalef li jekk jikseb id-dawl, żgur li qatt ma kien ser jinsa f'hiex kien jinsab.

'Tajjeb ħafna,' wieġbet il-Ħajja, 'mela issa nagħtik id-dawl, u seba' snin oħra niġi nara żammejtx dil-wegħda.' Dak il-ħin stess, l-għama kiseb id-dawl u tgħidx kemm feraħ.

Għadda ż-żmien. Sena ... sentejn ... tlieta ... fl-aħħar għaddew seba' snin mill-ġrajja ta' l-għama, u l-Ħajja marret tfittxu. Hi ppreżentat ruħha bħala persuna għamja. Bdiet tħabbat il-bieb u tgħajjat minn barra: 'Iftaħli ħabib, ikollok ħniena minni, jien bniedem għama, m'għandix fejn ngħaddi l-lejl!'

Ir-raġel minn ġewwa weġibha: 'Mur, itlaq minn hawn, m'għandix fejn inżommok hawn, jien l-għomja nibża' minnhom ... Mur sib x'imkien ieħor!'

Il-Ħajja weġbitu: 'Jien il-Ħajja. Għaddew seba' snin u ġejt narak kif kont wegħedtek. Jidher ċar li inti nsejt f'hiex kont tinsab, u nsejt ukoll xi ħlift!'

Kemm tiġri din il-ħaġa! Meta nkunu fl-aqwa tagħna,ninsew f'hiex konna ninsabu, u saħansitra naħsbu li lħaqna xi ħaġa, u li ħadd ma jista' għalina. Tajjeb ukoll li nżommu dejjem il-prinċipju mportanti: 'Dak li tixtieq li ħaddieħor jagħmel lilek, agħmlu inti lil ħaddieħor.'

# Niżżel fid-Djarju tiegħek



**Il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju 2010**
<u>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar</u>
Ikollna Quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt. Il-ħin ikun fin-12.35pm.
Din tkun l-aħħar Quddiesa qabel in-nofs ta' nhari.

**Il-Ħadd, 20 ta' Ġunju 2010**
<u>Jum il-Missier</u>
F'dan il-Jum għandna nuru l-apprezzament ġenwin tagħna lejn l-għeżież Missirijietna, kemm dawk ħajjin, kif ukoll dawk li diġà qegħdin jistrieħu fi ħdan il-Mulej. Ara xi tagħrif dwar Jum il-Missier f'paġna 3.

**It-Tlieta, 29 ta' Ġunju 2010**
<u>L-Imnarja</u>
Malta tfakkar il-festa ta' San Pietru u San Pawl. Tkun ħaġa xierqa li aħna lkoll inqaddsu dan il-jum għażiż bis-smigħ tal-Quddies u li nkunu disposti li nitqarbnu.

---

**Voltaire:**
Appreciation is a wonderful thing. It makes what is excellent in others belong to us as well.

**Zig Ziglar:**
Of all the attitudes we can acquire, surely the attitude of gratitude is the most important and by far the most life-changing.

**Lao Tsu:**
A journey of a thousand miles must begin with a single step.

# Rokna Ċajt

*meħudin mill-ktieb:*
*'Ta' Lanqas Tbissem'*

Waqt li surġent kien qed juri l-bandiera Maltija lil ċertu wieħed rekluta Camilleri:
Surġent: Min hi dik?
Camilleri: Bandiera, Sir.
Surġent: (irrabjat) Min hi dik?
Camilleri: Bandiera Maltija.
Surġent: Le ħmar, għid ommi.
Wara ftit is-surġent mar staqsa rekluta ieħor li kien fil-qrib waqt li urieh l-istess bandiera:
Surġent: Min hi dik?
Borg: Omm Camilleri, Sir!



---

Ġuvnott lil wieħed ieħor, x'ħin rah filgħodu qallu:
'X'wiċċ ta' wieħed għajjien għandek dalgħodu! X'kien?'
'Għax dal-lejl ħlomt li kont qiegħed naħdem.'

---

Toni: X'tippreferi, birra jew xampanja?
Ġużi: Jiddependi.
Toni: Minn x'hiex?
Ġużi: Minn min se jħallas!

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:**
**Paul Schembri**
**73 'Terezita', Triq Birbal, Balzan BZN 9015**
**Tel: 21440384**
**e-mail: it-triq@camline.net.mt**
**url: www.it-triq.org**